# SOCIETÀ FILARMONICA NAZIONALE LA VALETTE

# Magia di Operette



19 ta' Novembru 2022

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-95 Anniversarju mir-rebħa storika fil-Konkors Internazzjonali tal-Baned f'Como, l-Italja.


ADD A TOUCH
OF MAGIC
Tap your way through your next ferry booth
BOV
pay
Get in touch | bov.com/cards | @bovofficial
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).
BOV
Bank of Valletta

# Magia di Operette

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-95 anniversarju mir-rebħa storika fil-Konkors Internazzjonali tal-Baned f'Como, l-Italja
19 ta' Novembru 2022 - Istitut Kattoliku, Il-Furjana

## Werrej


Messaġġ mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ........ 3
*Onor. Dr Owen Bonnici*
Messaġġ mill-Ambaxxatur Taljan ........ 5
*L-Eċċellenza Tiegħu Fabrizio Romano*
148 - Storja ta' Suċċessi ........ 7
*Jonathan Paul Grima*
Kumitat tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette 2021-2023 ........ 9
Presidenti u Surmastrijiet tas-Società ........ 11
Messaġġ miċ-Chairman tal-Aġenzija Kulturi għall-Belt Valletta ........ 13
*Jason Micallef*
Irrid Inħalli Legat Għal Min Ġej Warajja ........ 15
*Lino Bartolo*
Manifestazzjoni Ta' Eccellenza ........ 19
*Cav. Dott. Tonio Portughese*
"Imbierka Mis-Sema, Li Tak Glorja U Unur" - Cardenio Botti ........ 23
*Vincent Farrugia*
Iċ-Ċelebrazzjonijiet tal-95 Anniversarju mir-Rebħa ta' Como ........ 27
Intervista ma' Mro Paul Arnaud dwar it-Trijonf ta' Como ........ 37
Il-ħajja ta' Cardenio Botti ........ 45
Programm - Magia di Operette ........ 58
Andrea Bragiotto ........ 61
Barbara Fasol ........ 65
Jacob Portelli ........ 69
Mro Dominic Darmanin ........ 71
Inno La Valette ........ 75
X'inhi l-Operetta? ........ 79
Magia di Operette ........ 81
Scugnizza ........ 83
La Duchessa Del Bal Tabarin ........ 85
La Danza Delle Libellule ........ 89
La Principessa Della Czarda ........ 91
The Merry Widow ........ 93
Madama Di Tebe ........ 97
Die Fledermaus ........ 99
Il Paese Del Sorriso ........ 101
Al Cavallino Bianco ........ 105
Il Paese Dei Campanelli ........ 107
Orphée Aux Enfers ........ 111
Cin Ci Lá ........ 113
Ħajr ........ 117
Lista ta' Riklami ........ 120


**It-tagħrif dwar l-Opri nġabru minn Cav. Tonio Portughese*


Società Filarmonica
Nazionale La Valette
297, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta
VLT1110
Tel: +356 21221818
Email: bandalavalette1874@gmail.com
Website: www.bandalavalette.org
Facebook: Società Filarmonica
Nazionale La Valette



***Bord Editorjali***

***Konsulent:***
Cav. Dott. Tonio Portughese
***Chairman:***
Lino Bartolo
***Segretarju:***
Carl Farrugia
***Membri:***
Jonathan Paul Grima
Emi Bonnici

***Ġbir ta' riklami:***
Lino Bartolo

***Kontributuri:***
Carl Farrugia
Tonio Portughese
Erica Carbonaro
Glen Attard

***Ritratti:***
Mill-Arkivji
Carl Farrugia
George Farrugia
Jonathan Grima
Glen Attard

***Disinjatur:***
Carl Farrugia



***Stampar:***

BONNICI'S PRESS Est. 1924

*36, St Paul Street, Valletta*
*Tel: 21 224607*

# TRILOGY

*past.*
*present.*
*future.*



STERLING
Diamond Trilogy Collection

customer care : 21 245 999

www.sterlingjewellers.com.mt

# Messaġġ mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

*Onor. Dr Owen Bonnici*

L-opra hija waħda mill-forom l-iktar popolari tal-mużika lirika tal-Punent. B'hekk bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-95 anniversarju mir-rebħa storiku fil-Konkors Bandistiku gewwa Como fl'Italja qed jitella' dan il-kunċert Sinfoniku u Operistiku "Magia di Operette" bis-sehem tat-Tenur internazzjonali Andrea Bragiotto u s-Soprano Barbara Fasol.

Il-programm se jinkludi l-aqwa operetti popolari mill- Awstrija, Ungerija, Franza u mill-Italja, bhal The Merry Widow, The White Horse Inn, Cin ci La, Paese dei Campanelli, The Land of Smiles, Madama di Tebe, La Danza della Libellule.

Dawn l-aħħar sentejn, kienu żminijiet diffiċli, imma finalment il-poplu Malti u Għawdxi reġa jista jgawdi, kif jidehr biċ-ċar f'din is-serata. L-għan ewlieni jibqa' biex inrawmu fil-ħajja tan-nies il-kuxjenza u l-apprezzament għall-identità u l-kultura Maltija u li tħaddan il-valuri. Din il-lejla mhux biss se tkun varjata, iżda ħa tara s-sehem ta' artisti internazzjonali kif ukoll il-mużiċisti lokali. In-nies bla dubju se jkunu qed jieħdu pjaċir u b'hekk nagħtu spinta ekonomika l-pajjiż.

Permezz ta' dawn l-isforzi, qed inkomplu nwettqu l-missjoni tagħna li nesponu aktar lill-industriji kulturali u kreattivi tagħna fuq pjattaformi bħal dawn, avveniment sinifikanti bħal dawn iservu bħala vetrina għas-setturi artistiċi u kreattivi tagħna. Din hija inizzjattiva sabiħa sabiex nagħtu opportunita' lit-talent lokali, u se nibqgħu naħdmu id f'id mas-settur privat, promoters, artisti lokali u l-NGOs sabiex jibqgħu jittellgħu kunċerti ta' dan it-tip. Dan il-kunċert verament juri l-impenn tagħna lejn l-eċċellenza fl-arti u l-kultura, impenn li aħna bħala Gvern deċiżament nemmnu li hu kruċjali fil-professjonalizzazzjoni ta' karrieri ta' kwalità għolja fis-setturi kulturali u kreattivi.

Tassew sodisfatt lejn l-iżviluppi kontinwu li qed isir fis-setturi kreattivi u kulturali, minkejja l-isfidi li ġabet magħha l-pandemija. Illum għandna setturi kreattivi u kulturali li huma aktar reżiljenti u sostenibbli, ibbażati fuq l-esperjenzi tagħna waqt dawn l-aħħar ftit snin, għaliex aħna nemmnu li l-eċċellenza hija ċ-ċavetta għas-suċċess tas-setturi f'Malta u Għawdex Aħna nimmiraw li niżguraw li kull forma t'arti hija rikonoxxuta, inkluż is-settur operistiku li fih pajjiżna qed jiddistingwi ruħu. L-opri għandu pjattaforma soda f'pajjiżna, u grazzi għal dan il-kunċert nistgħu nkomplu naraw biċ-ċar, l-eċċellenza artistika f'din il-forma ta' teatru, li hi tant maħbuba u apprezzata.



Għalhekk huwa ta' min ifaħħar din l-inizjattiva, hekk kif dan hu perfettament konformi mal-isforzi tagħna bħala Gvern.Dan hu kunċert interessanti għall-gżira tagħna. B'kollaborazzjoni ma'artisti internazzjonali, bħala Ministeru kommessi li nkomplu nagħtu sapport lill-għaqdiet kulturali.

L-opra hija tip ta' mużika sabiħa immens li fiha għandna ħafna talent lokali li nemmnu ħafna fih. Allura, se naħdmu b'kollaborazzjoni kemm mat-talent lokali kif ukoll mat-talent internazzjonali biex inkunu nistgħu nagħmlu dan il-festival, li se jinżel tajjeb ħafna mal-udjenza li se tmur biex tisma' l-opra u tisma' din is-sbuħija.

L-aspett kulturali huwa niċċa turistika oħra importanti li qegħdin naħdmu fuqha. Dan sabiex naraw li t-turisti li jżuru pajjiżna jkollhom esperjenza ta' kwalità meta jkunu qegħdin f'pajjiżna għall-btala tagħhom. Dak kollu li qed nagħmlu aħna nagħmluh kemm għat-turisti u anke għall-familji Maltin u Għawdxin, sabiex ngħollu wkoll il-kwalità tal-għajxien tal-familji Maltin u Għawdxin għal dan is-sajf li ġej.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-ħaddiema u l-mużiċisti għad-dedikazzjoni u l-ħin tagħhom fil-preparazzjonijiet għal dan l-avveniment, li fih jiġbor numru ta' talenti u ħiliet differenti. Iżda is-sbuħija tal-opra tapprezzaha mhux biss billi taqra dwarha iżda billi taraha titella' fuq il-palk u tissaħħar bil-mużika mill-isbaħ.

BEATI PAOLI

RESTAURANT

240, St Paul's Street, Valletta



# Messaġġ mill-Ambaxxatur Taljan

*L-Eċċellenza Tiegħu Fabrizio Romano*



Egregio Presidente,

desidero ringraziarLa per il cortese e gradito invito a visitare la sede della Filarmonica Nazionale “La Vallette” e per gli incontri da Lei organizzati sia con i musicisti che con i cantanti italiani di passaggio a Malta per un concerto.

In qualità di Rappresentante dell’Italia nell’Arcipelago, nonchè di appassionato di musica, ritengo che un’Istituzione di valore storico ed artistico come questa che Lei attivamente ed efficacemente presiede rappresenti un valore aggiunto di significativa portata per le relazioni bilaterali fra i nostri Paesi.

La Cultura,ed in particolare la Musica, costituiscono infatti uno degli aspetti che arricchiscono, in virtu’ di una tradizione condivisa, il sistema dei valori che ci accomunano.

Ho preso atto con interesse e soddisfazione della storia, ormai quasi centenaria, della Filarmonica e delle più che numerose circostanze nelle quali artisti e spettatori di Malta ed Italia si sono ritrovati insieme per contribuire ad eventi che sono rimasti nella nostra storia.

Le porgo pertanto, Signor Presidente, i miei migliori auspici per le future attività della Filarmonica e La prego di estendere questi ultimi a tutti i componenti della storica formazione, assicurando, per quanto mi concerne, la mia disponibilità ad una collaborazione quanto più stretta per il futuro.

Con molta cordialità,

Fabrizio Romano
Ambasciatore d’Italia a Malta








Brauerei MonteKristo

# Montekristo Brewery
## Freshly brewed Beer

Tel: 22033000
Email: info@montekristo.com
FB: brauerei montekristo




# 148 – Storja ta' Suċċessi

*Jonathan Paul Grima - President Società Filarmonica Nazionale La Valette*



Sa mit-twaqqif tagħha lura fl-1874, is-Società Filarmonica Nazionale La Valette dejjem rat li żżomm il-livell mużikali tagħha għoli. Illum il-Banda La Valette qed tiġġeded filwaqt li żżomm l-identità tagħha ħajja. L-identità tas-soċjetà sarrfet f'rebħa meritata fil-Konkors Bandistiku f'Como lura fl-1927, fejn uriet li l-mużiċista tagħha laħqu l-livell ta' Eċċellenza. Għalhekk din is-sena hija waħda importanti għas-soċjetà tagħna għaliex niċċelebraw il-95 sena minn din ir-rebħa storika. Bħala kumitat tad-direzzjoni ħejjejna diversi attivitajiet sabiex nikkommemoraw dan l-avveniment fejn wieħed jsib aktar fid-dettall f'dan il-ktejjeb. Il-qofol bla dubju jkun il-kunċert annwali b'tifkira tar-rebħa ta' Como tal-llejla li qiegħed jittella' taħt il-patroċinju distint tal-Eċċellenza tiegħu Dr George Vella, President ta' Malta.

It-tema tal-kunċert ta' din is-sena huma l-operetti, stil maħbub ħafna mal-udjenza tagħna. Nistgħu ngħidu li kunċert ta' dan il-kalibru huwa l-ewwel wieħed ta' dan it-tip minn soċjetà mużikali f'pajjiżna. Jakkumpanjaw il-Banda La Valette insibu t-Tenur Andrea Bragiotto kif ukoll s-Sopran Barbara Fasol li taħt id-direzzjoni tas-surmast Dominic Darmanin ħejjew kunċert imżewwaq b'diversi Arjiet mill-aktar Operetti popolari kif ukoll sinfoniji popolari li juru l-kwalità tal-mużiċisti tal-Filarmonica Nazionale La Valette. Huwa doveruż nirringrazzja lill-Cav. Dott. Tonio Portughese tal-għajuna teknika kif ukoll lis-Surmast Joseph Galea li għen lis-Surmast Dominic Darmanin fl-arranġamenti neċessarji fis-siltiet li ser jindaqqu llejla. Inkun qed nonqos jekk ma nirringrazzjax lil sħabi tal-kumitat tad-direzzjoni fejn bl-għajnuna tal-kummissjoni Banda seta' jittella' l-kunċert tal-llejla.

Sabiex jiġi ċċelebrat dan l-anniversarju llum ser inkunu onorati biż-żjara tal-familjari tas-Surmast Cardenio Botti, propju s-surmast li mexxa l-Banda tagħna għar-rebħ ta' dan il-konkors. Is-Surmast Botti ma kienx biss direttur prim iżda kompożitur u arranġatur fin fejn ħalla wirt kbir ġewwa l-arkivji tas-soċjetà tagħna b'mod speċjali is-sett Marċi 'San Paolo' u l-Inno La Vallette li tant huma għal qalb il-partitarji tagħna.

Il-kunċert tal-lejla ser jagħlaq l-impenji mużikali tal-Banda tagħna għas-sena 2022 fejn nistgħu ngħidu li mil-llum tibda' t-triq lejn iċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 anniversarju mit-twaqqif tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette. Il-kumitat tad-direzzjoni flimkien mal-kummissjonijiet kollha fi ħdan is-soċjetà għaddejin b'ħidma bla heda sabiex dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ma jkunu nieqsa minn xejn kif tassew jixraq. Ovjament inħeġġiġkom żżommu ruħkom aġġornati mal-meżżi ta' komunikazzjoni tas-soċjetà tagħna sabiex fix-xhur li ġejjin tkunu parteċipi magħna f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet storiċi.

Fl-aħħar nett nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja l-isponsors kollha li kkontribwew għaliex mingħajr l-għajuna tagħhom ma nkunux nistgħu ntellgħu kunċert bħal tal-llejla kif ukoll lilkom lkoll li attendejtu tant numerużi bi ħġarkom. Konvint li l-kunċert 'Magia di Operette' ser tkun ħolqa oħra mal-kullana ta' suċċessi li għamlet is-Società Filarmonica Nazionale La Valette.

"SIAM DE LA VALETTE!!"

BONNICI'S PRESS Est.1924

Digital & Offset Printers

*99 Years of Printing Service*

36, St. Paul Street, Valletta

T:2122 8138 - 2122 4607

M: 9987 0603

E: emibonnici@gmail.com

# Kumitat tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette 2021-2025



| | |
|---|---|
| President | Sur Jonathan Paul Grima |
| Viċi President | Sur Lino Bartolo |
| Segretarju Ġenerali | Sur Vincent Farrugia |
| Kaxxier | Sur Glen Attard |
| Direttur Ġenerali | Sur Emanuel Bonnici |
| Direttur tal-Billiards | Sur Simon Farrugia |
| Direttur tal-Bar | Sur Michael Borg |
| Delegat tal-Banda | Sur Simon Farrugia |
| Arkivista | Sur Raymond Zahra |
| Assistent Segretarju | Sur Mario Fenech |
| Assistent Kaxxier | Sur Emanuel Caruana |
| Assistent Direttur tal-Billiard | Sur Joseph Cremona |
| Assistent Direttur Ġenerali | Sur Michael Borg |
| Direttur Sala Lettura | Sur Raymond Zahra |
| Inkarigat mill-Proġetti Kapitali, Sponsors u mill-Iskemi ta' Fondi | Sur Lino Bartolo |
| Kordinatur Festi 150 sena | Sur Alan Xerri |
| Direttur Spiritwali | Fr Victor Paul Farrugia |
| Surmast Direttur | Mro Dominic Darmanin |
| Assistent Surmast Direttur | Mro James Chappell |
| Għalliem tal-Iskola tal-Mużika | Mro Shaun Scicluna |
| Inkarigat mill-Banda | Sur Gilbert Farrugia |


HANDMADE CERAMICS
Lucentini
WWW.LUCENTINISHOP.COM
ART, FANTASY AND HISTORY
LUCENTINI
VALLETTA - MALTA
20B ST.LUCIA STREET, VALLETTA
212, MERCHANT STREET VALLETTA

# Presidenti

| | |
|---|---|
| Nobbli Ramiro Barbaro | 1874-1877 |
| Konti Francesco Manduca | 1877-1883 |
| Dr Agostino Naudi LLD | 1883-1892 |
| Dr Vincenzo Frendo Azzopardi LLD | 1892-1894 |
| Paolo Cutajar | 1894-1897 |
| Dr Fortunato Mizzi LLD | 1897-1898 |
| Komm. Joseph Howard | 1902-1907 |
| Dr Goffredo Adami LLD | 1902-1907 |
| Konti Dr Alfredo Caruana Gatto LLD | 1907-1909 |
| Komm. Joseph Howard | 1909-1917 |
| Komm. Dr Lewis F. Mizzi LLD CMG | 1917-1918 |
| Onor. Sir Ugo P. Mifsud Kt., LLD | 1918-1942 |
| Sir Philip Pullicino Kt., B. Litt, LLD | 1942-1950 |
| Onor. Dr Giorgio Borg Olivier LLD | 1950-1980 |
| Nutar Dr Joseph Cachia LLD | 1980-1986 |
| Dr Alb. Borg Olivier De Puget LLD | 1986-1992 |
| Dr Francis Portanier BA(Hons), LLD | 1992-2005 |
| Dr Ray Bondin BA (Hons.), MA, PhD | 2005-2008 |
| Sur Alfred Zahra | 2008-2010 |
| Sur Carmelo Camilleri M.O.M. | 2010-2015 |
| Dr Paolo Borg Olivier LLD | 2015-2017 |
| Sur Jonathan Paul Grima | 2017- |

# Surmastrijiet

| | |
|---|---|
| Luigi Carabott | 1874-1877 |
| Emmanuele Bartoli | 1877-1885 |
| Paolo Miruzzi | 1885-1888 |
| Gaetano Grech | 1888-1889 |
| Vincenzo Carabott | 1889-1899 |
| Antonio Miruzzi | 1890-1900 |
| Gregorio Lucia | 1900-1910 |
| Giuseppe Vitaliti | 1910-1919 |
| Ettore Mattioli | 1920-1921 |
| Francesco Bellizzi (Aġent) | 1921-1923 |
| Cardenio Botti | 1923-1935 |
| Francesco Bellizi (Aġent) | 1935-1937 |
| Giuseppe Camilleri | 1937-1968 |
| Edgar Lowell (Aġent) | 1968-1970 |
| Joseph Sammut | 1970-2007 |
| Dominic Darmanin | 2008- |








Come Visit Us
Triq iċ-Ċiklamini, San Gwann
(Next to Lidl)

5 BEANS

COMING SOON TO VALLETTA

# Messaġġ miċ-Chairman tal-Aġenzija Kulturi għall-Belt Valletta

*Jason Micallef*



Huwa ta' unur kbir għalija li nitkellem mal-membri ta' din l-għaqda prestiġjuża u niċċelebra magħhom is-suċċessi trijunfanti tagħhom. Il-Banda La Valette għandha storja rikka u prestiġjuża. Din il-banda fil-fatt tista' tgħid li hija sinifikanti ferm għall-Belt u lil hinn minnha. Il-ħidma mwettqa mill-membri tagħha hija evidenza ċara tal-kreattività u l-enerġija li għandha din il-banda.

Għal għexieren ta' snin din il-banda kienet fuq quddiem nett fix-xena kulturali tagħna, fejn għenitna nibnu l-identità nazzjonali tagħna stess.

Jien dejjem ikkunsidrajt l-għaqdiet tal-baned bħala l-qalb li tħabbat tal-komunità li huma jaqdu. Dawn huma spazji essenzjali fejn nies minn sfondi differenti, jiltaqgħu, jitkellmu, jargumentaw u jidħqu flimkien. Dawn il-postijiet huma inkubaturi tat-talenti, fornituri ta' ferħ u sors sinifikanti ta' attività ekonomika. Dawn jibqgħu essenzjali għall-benesseri tas-soċjetà. L-għaqdiet tal-baned huma postijiet trasformattivi — dak li l-ibliet jaspiraw li jkunu, jiġifieri li jgħaqqdu b'suċċess nies u komunitajiet minn sfondi differenti.

Ma nistax nimmaġina soċjetà mingħajr l-influwenza ċivilizzanti tal-mużika. Wara kollox, il-mużika hija l-istruttura tas-soċjetà tagħna; il-mużika tinsab fil-qalba tal-esperjenza umana u tarrikkixxi ħafna ħajjiet. Il-mużika hija ċentrali għall-kunċett ta' 'x'inhu dak li jagħmilna umani', hija mifruxa mal-kulturi u l-kontinenti differenti u ilha teżisti għal sekli sħaħ. Il-mużika hija l-arti tal-affarijiet kollha li ma nistgħux naraw jew immissu. Il-mużika hija sentiment u ħsieb, offerta ta' ġenerożità, vulnerabbiltà u tagħtik sens ta' ftuħ u għandha s-setgħa li tiġbdilna l-attenzjoni u ġġiegħlna nħossu ħafna affarijiet kumplessi. Tista' tagħtina sens ta' ottimiżmu u żżommilna wkoll kumpanija waqt li nkunu għaddejin minn dwejjaq u wġigħ. Il-kreazzjoni tal-mużika tista' tiġi deskritta bħala fejqan, tisħiħ, eżawriment u xi ħaġa li tikkunsmak. Il-mużika kapaċi tgħaqqad miljuni ta' persuni permezz tal-att bażiku tas-smigħ u eluf flimkien permezz tal-att ta' melodija, ritmu u armonija fil-prattika u fis-servizz tal-espressjoni kollettiva. Il-qawwa tal-mużika titwieled mill-prattika soċjali tagħha u mill-arti tal-ħolqien u l-interazzjoni. Il-mużika hija konverżazzjoni.

Kif għidt qabel, l-għaqdiet tal-baned huma spazji vitali. F'dinja mimlija storbju, fejn in-nies jiġu bbumbardjati b'miljuni ta' messaġġi, l-għaqdiet tal-baned joffru spazju għad-djalogu. Dawn jispiraw atti ġodda ta' inġenwità. Hemm, sempliċiment, xi ħaġa maġika dwar dawn l-ispazji. Hawn huwa fejn il-kultura titwieled fuq bażi ta' kuljum.

L-effervexxenza u l-qawwa tax-xogħol ta' din l-għaqda minn dejjem kienet tiġi nnotata. Ma nixtieq xejn ħlief aktar suċċess għal dan il-klabb.

# SEYBA ALUMINIUM LTD.

**Importers of Aluminium Profiles in Various Colours.**

**Thermal Break Sliding, Light & Heavy Duty Sections toghether with Hinge Profiles & Accessories.**





GEAL S.p.A.
estrusione e lavorazioni alluminio
www.geal.it



17, Triq il-Kummerċ, Qormi - QRM 3032
Tel: 2144 7580 / 95 Fax: 2144 7580 - Mob: 7947 3726 - 7944 7580
E-mail: seyba.alum@gmail.com

# Irrid Inħalli Legat Għal Min Ġej Warajja

*Lino Bartolo - Viċi President Società Filarmonica Nazionale La Valette*

Bi pjaċir kbir għalija lqajt l-istedina biex nagħmel dal-kelmtejn f'dan il-ktejjeb kommemorattiv fl-okkażjoni tal-95 Sena mir-Rebħ tal-Konkors Bandistiku f'Como fl-Italja, avveniment ferm importanti fl-istorja glorjuża tas-Società tagħna. Tul dawn is-snin kollha, dan l-anniversarju dejjem ġie ċċelebrat bl-aħjar u bl-aqwa mod possibli minn kull Kumitat tad-Direzzjoni tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette. Huwa ukoll avveniment ta' konferma ta' kemm il-banda tas-Società tagħna kienet u għadha l-għira ta' kulħadd; għalhekk hija mogħnija bl-għola isem dik bħala l-Banda Filarmonica Nazionale ta' pajjiżna u speċjalment tal-kapitali, il-Belt Valletta.



Is-Sur Lino Bartolo waqt id-diskors tiegħu fis-Serata Kommemorattiva

Kien propju erba' snin u nofs ilu, meta l-ħabrieki President attwali tas-Società, is-Sur Jonathan Paul Grima ħajjarni biex noħrog għall-kumitat dakinhar li saret il-Festa l-Kbira fil-kapitali tagħna. Waqt li kulħadd kien qiegħed fl-ewforija tal-festa, bil-President attwali b'enerġija liema bħala jmexxi banda l-akbar bl-ammont ta' bandisti li f'ħajti kollha sa issa għandi qatt ma rajt, 145, aċċettajt li nikkontesta għall-ewwel darba għall-kumitat. Fil-verità kont xi ftit xettiku wara 40 sena fil-futbol, bl-10 snin konsekuttivi minnhom bħala Membru fl-Eżekuttiv tal-MFA u 25 sena fil-Kunsill tal-MFA. Xi ħaġa differenti immens minn waħda għall-oħra. Illum ngħid li kienet għażla tajba u ma jiddispjaċinix li għamilt din l-għażla, għax bil-viżjoni u bil-mentalità żagħżugħa li addattajna għaż-żminijiet tal-lum, kulħadd huwa welcome bla ebda distinzjoni ta' xejn.

Apparti l-kariga tiegħi bħala Viċi President, bil-fiduċja tal-President u ta' sħabi kollha tal-Kumitat, inkarigat ukoll mill-proġetti kapitali, mill-isponsors u mill-iskemi ta' fondi li jkun hemm allokati mill-gvern tal-ġurnata. Sa issa diġà ġibna ammont sostanzjali ta' fondi biex stajna għamilna bosta proġetti siewja. Hawn ma nistax ma nsemmix lill-kaxxier tas-Società s-Sur Glen Attard tax-xogħol siewi u impenjattiv li jagħmel u tal-paċenzja li jieħu bija biex inlestu fil-ħin il-volum ta' karti li jkunu jridu jintlew għal kull skema li jkollna bżonn biex inġibu l-fondi meħtieġa. B'sodisfazzjoni ngħid li ma ħriġna l-ebda kapital minn ġewwa, anzi konna għaqlin biżżejjed u għamilna l-profitti biex komplejna inżidu mal-bilanċ li diġà kien hemm.

Fost il-proġetti kapitali li diġà wettaqna nsibu r-restawr tas-sala prinċipali u s-swali tal-Kumitat u tal-Arkivju, it-toilets adekwati għaż-żminijiet tal-lum, bibien u aperturi tal-aluminium lewn l-injam biex llum il-ġurnata għandna aktar sigurtà minn qatt qabel, membrane ġdid fuq il-bjut kollha, restawr tal-gallerija u tal-persjani tal-faċċata, stazzjon tar-radju Radio City 98FM li jxandar 24 siegħa kuljum u bosta proġetti oħra. Wieħed ma jridx jinsa li kellna sentejn diffiċli ta' pandemija meta l-income tas-Società kien limitat u biex tagħmel dawn il-proġetti kollha trid eluf kbar ta' euro. Fix-xhur li ġejjin ser nidħlu għal żewġ progetti kapitali kbar oħra li ilhom tant imwegħdin lis-soċi tagħna. Se ssir l-installazzjoni tal-lift mill-basement sa fuq il-bejt u r-restawr tal-faċċata tal-każin. Żewġ proġetti li huma ferm ambizzjużi miegħi personali u ma' sħabi. Apparti dan, irrid insemmi l-mawra li kellna f'Ġela fl-2018 u l-mawra li għandna ppjanata għal Marzu li ġej fil-belt ta' Trapani fi Sqallija. Saru


MATALAN
REAL LIFE READY
FASHION
& HOME
FOR LESS
M
T. 21 472 255 | E: matalan@camillerigroup.com | #REALLIFEREADY
SLIEMA | FGURA | VALLETTA | B'KARA | QORMI | ĦAMRUN | PAOLA | GOZO

wkoll bosta kunċerti sinfoniċi u operistiċi bħal 'Omaggio A Giuseppe Verdi' u dan tal-lum 'Magia di Operette'. Proġetti u kunċerti ta' livell bħal dawn żgur ma kinux ikunu possibbli mingħajr l-għajnuna ta' bosta entitajiet Governattivi bħall-Kunsill Malti għall-Arti, il-Malta Council for the Voluntary Sector, Visit Malta u bosta sponsors individwali u kumpaniji li għoġobhom jagħtuna s-sosten tagħhom billi jirriklamaw f'dan il-ktieb kommemorattiv.

Jien flimkien ma' sħabi kollha irridu nħallu LEGAT għal dawk li ġejjin warajna biex ikomplu fuq dak li nkunu għamilna aħna. Nappella lil kulħadd biex jagħmel użu mid-ditti, ristoranti u bars, li ssibu f'dan il-ktieb kommerorattiv għax dawn huma n-nies li jeħtieġu s-sapport tagħna lkoll, għax huma s-sostenn finanzjarju għas-Società tagħna.

Nagħlaq dal-kelmtejn billi nirringrazzja l-ewwel nett lil familja tiegħi u lil kulħadd tas-sapport kontinwu u tal-fiduċja li jtuni, biex inkompli naħdem aktar għal ġid tas-Società tagħna, biex dawk li ġejjin warajna jkomplu jgħożżu u jgawdu l-ħidma u suċċessi li nkunu wettaqna.

''Siam de La Valette''



*Il-Kunċert Omaggio a Giuseppe Verdi li sar f'Novembru tal-2019*






# There for you when you need us the most

Our industry might often seem impersonal and far removed from your day-to-day life. Continuous investment in technologies relating to the transporting and storing of gases might not make for the best stories, but when you need us the most, you won't even notice we're there.

Whether creating infrastructure for uninterrupted oxygen supply to local hospitals or offering the local manufacturing industry peace of mind with the best-rated gas storage safety standards, we work tirelessly to keep you going.

multigas
MEDICAL

- Supply of pure gases
- Handling & storage of cryogenic liquids
- Producers & distributors of medical, industrial gases & refrigerants
- Filling of compressed gas cylinders
- Dry ice

Triq l-Industrija, Kirkop, KKP 9042, Malta
(+356) 2249 2000 • info@multigas.com

**www.multigas.com**

# Manifestazzjoni Ta' Eccellenza

*Cav. Dott. Tonio Portughese - Membru Onorarju tas-Società Filarmonica Nazionale LA VALETTE*
*Konsulent tal-Kunċert Ċelebrattiv*

B'impenn u lealtà kkontribwejt l-appoġġ kif meħtieġ biex is-Società Filarmonica Nazionale LA VALETTE jirnexxielha twettaq proġett singulari u uniku, kunċert speċjali ddedikat kollu kemm hu lill-isbaħ paġni mużikali u vokali tal-Operetta Ewropea. Ħdimna biex nagħtu l-ħajja lill-kunċett li jimplika sfidi ta' innovazzjoni, u konċentrazzjoni artistika, mużikali u organizzattiva.

Minn kuntatti internazzjonali u riċerka li għamilt meta ntlabt nagħti l-appoġġ għall-kontenut operetteristiku, irriżulta li mhux komuni li banda tesegwixxi kunċert esklussivament b'siltiet minn diversi Operetti tal-aqwa kompożituri mill-Awstrija, l-Ungerija u l-Italja.

Għaldaqstant kellna naraw kif dan il-kunċett nikkonkretizzawh f'realtà ta' ECCELLENZA bl-ogħla livelli ta' esekuzzjoni u kwalità.

Fuq talba tad-Direzzjoni tas-Società kkuntattjajt artisti Taljani li huma midħla sew tad-dinja u tar-repertorju operetteristiku, u sibna għajnuna siewja mit-Tenur Andrea Bragiotto, minn Buccinasco, provinċja ta' Milan, li flimkien mas-Soprano Barbara Fasol , tawna pariri, għajnuna u appoġġ f'kordinazzjoni vitali.

Dħalna għall-isfida tal-adattament tal-arranġamenti għall-banda, bis-saħħa tal-ħidma professjonali tas-surmast Mro Dominic Darmanin u tal-ħabib tagħna Mro Joseph Galea bl-esperjenza tiegħu, ħolqu 15-il silta li ġew addattati għall-kantanti professjonisti u għall-banda, bi preċiżjoni metikoluża dwar it-tonalità għall-aħjar sintesi mużikali u vokali. Nixtieq nirringrazzjahom minn qalbi tal-impenn tagħhom u tal-paċenzja biex tawna prodotti ta' livell għoli u fidil mal-oriġinali, kif ukoll un grande ringraziamento lil Andrea u Barbara li mxew pass pass magħna f'dan il-proċess ta' adattament ta' partituri bl-attenzjoni dovuta lil kull dettall bħall-attenzjoni lill-istrumentini u l-inklużjoni tal-arpa b'fedeltà lejn il-kompożizzjonijiet oriġinali.

Mill-arkivju sinjur tas-Società, il-Filarmonica La Valette diretta mis-surmast Mro Dominic Darmanin, intgħażlu u ser ikunu esegwiti tliet Overtures ferm impenjattivi mill-Operetti – The Merry Widow ta' Franz Lehar, Die Fledermaus ta'



*Tonio Portughese mal-President Jonathan Paul Grima u mal-Kumitat f'attività soċjali f'ġieħu u l-familja tiegħu wara l-ħatra bħala Membru Onorarju tas-Società*

Johann Strauss II, u Orfeo all'Inferno ta' Jacques Offenbach, waqt li tiftaħ bil-Fantasia Magia Di Operette ta' Giampaolo Nitiffi.

Nifraħ lis-Società għal din l-inizjattiva oriġinali, għall-kuraġġ u impenn quddiem sfida artistika u esiġenti bħal din.

Kienet ħidma kollettiva tul ħafna xhur u li issa ser naraw il-frott tagħha f'din il-MANIFESTAZZJONI ta' ECCELLENZA, ikkaratterizzata bi status ta' CELEBRITÀ denja tal-istorja prestiġjuża tas-Societa' Filarmonica Nazionale La Valette.

Inħossni onorat u motivat bl-involviment u bil-fiduċja li ngħatajt.

Għandna MANIFESTAZZJONI li ssaħħaħ aktar il-patrimonju tas-Società diġà mogħni bil-Kunċert Operistiku memorabbli Omaggio A Giuseppe Verdi bis-sehem tal-ħabib kbir tiegħi t-Tenur Bulgaru ta' fama mondjali Kaludi Kaludow u s-Soprano Pollakka Anna Dytry – paġna unika u storika fil-quċċata tas-suċċessi mużikali.

Għandi sodisfazzjon kbir li ftaħt dawn l-opportunitajiet lis-Società Filarmonica Nazionale LA VALETTE li għarfet tibbenefika minn dawn il-kuntatti tiegħi fuq livell internazzjonali.

L-isbaħ xewqat għal aktar ħidma ta' suċċess.

# HYPNOS - Vitafoam




5 Years Warrenty

ANTI DUST MITE TREATED

Tel: 21484992/3 - 21238163

Mobile: 7923 9817

Website: www.vitafoammalta.com

E-mail: info@vitafoammalta.com

1974

PHOTOCITY

VALLETTA


At the heart of our Capital City
sg
SAN GIOVANNI
Valletta
St. John's Square, Valletta
9949 6810
SanGiovanniValletta


SPORTS
EXPERIENCE
(+356) 2143 8877
(+356) 7928 7752
info@sportsexperience.com.mt
74, Triq il-Pitkali, H' Attard, Malta, EU
SportsExperienceMt




LOMBARD
Lombard Bank Malta p.l.c.

Head Office: 67 Republic Street Valletta Malta • PO Box 584 Valletta VLT 1000 Malta
Tel: +356 25581117 • Fax: +356 25581151 • e-mail: mail@lombardmalta.com • www.lombardmalta.com • SWIFT Code: LBMAMTMT
*Lombard Bank Malta p.l.c. is listed on the Malta Stock Exchange and is licensed and regulated by the Malta Financial Services Authority as a credit institution and as an investment service provider.*

# “Imbierka Mis-Sema, Li Tak Glorja U Unur” - Cardenio Botti

*Vince Farrugia - Segretarju Società Filarmonica Nazionale La Valette*



Sa mit-twaqqif tagħha, is-Società Filarmonica Nazionale ‘La Valette’, f’Ottubru tal-1874, uriet ħiliet kbar fil-qasam mużikali. Kien il-fundatur Paolo Darmanin li waqqaf din is-Soċjetà. Flimkien ma’ sħabu taw il-bidu għal din il-mixja ġlorjuża li sal-lum ma naqset qatt milli tikseb suċċessi bil-wisq ħafna aktar unuri.

L-istorja minquxa b’ittri tad-deheb turi l-passat ġlorjuz tas-Soċjetà tagħna. Grazzi għal dawn il-kisbiet, illum qegħdin infakkru wieħed mill-akbar avvenimenti ta’ suċċess ta’ din il-banda, meta 95 sena ilu, bl-ogħla merti, rebħet il-Konkors Internazzjonli li kien sar f’Como l-Italja, mhux biss, iżda ġiet inkurunata “ECCELENZA”, mhux ta’ xejn li s-Surmast Cardenio Botti fl-innu li għamel lill-banda mar isejħilha “mbierka mis-sema li tak Gloria u unur.”

Tul il-mixja storika tagħha s-Soċjetà dejjem kellha tmexxija ħabrieka bi Presidenti tal-ogħla grad fis-soċjetà Maltija, li bil-ħidma sfiqa tagħhom is-Soċjetà akkwistat l-aqwa surmastrijiet fil-qasam mużikali li ddiriġew lill-banda b’ħiliet kbar u ħallew impatt kbir fuq l-istorja mużikali tas-Socjetà. Mogħnija b’dawn in-nies ta’ stoffa, is-Soċjetà ġiet onorata u rikonoxxuta bit-titlu ta’ ‘NAZZJONALI’.

Is-Soċjetà tant għamlet suċċess kull fejn marret li bir-raġun kollu kien mistħoqq li din is-Soċjetà rċeviet l-aqwa titli u unuri kemm f’Malta u kemm fid-diversi mawriet barra minn xtutha. Jekk inħarsu lejn ġrajjiet differenti li seħħu f’pajjiżna, l-istess Soċjetà tagħna dejjem kellha sehem importanti f’kull ċelebrazzjoni Nazzjonali.

**Is-Surmast Giuseppe Camilleri 1937 – 1968**

Fost is-surmastrijiet li ddirigew il-banda tagħna, insibu lil Mro. Giuseppe Camilleri li mexxa l-banda għal 31 sena sħaħ. Fost l-aqwa kompożizzjonijiet tiegħu, insibu l-‘INVOCATION’ li kiteb ad unur il-Maesta tagħha r-Reġina Elizabetta II. Mro. Camilleri huwa wkoll l-awtur tal-opra immortali fi tliet atti ‘Mona Bianca’. Is-Surmast Camilleri idderieġa b’tant suċċess diversi opri fit-Teatru Rjal u għal snin twal kien ukoll Maestro di Cappella ta’ diversi knejjes ewlenin f’pajjiżna. Interesanti huwa n-notament li nsibu fi ktejjeb li kien ħalla dan il-bravu Surmast (li l-banda hija privileġġata li tmexxiet minn Diretturi u Kompożituri kbar bħal Alessandro Vassella, Riccardo Zandoni, Giuseppe Mulè, Ottorino Respigi u Licino Refice). Hawn ma tistax ma tinnotax kemm dan is-Surmast Camilleri għaraf il-kobor ta’ dawn id-diretturi u din il-banda. Is-Surmast Camilleri ħalla minjiera ta’ xogħlijiet fl-arkivji tas-Soċjetà La Valette.



*Mro Giuseppe Camilleri*

NO MATTER WHAT
LIFE THROWS AT YOU,

IT'S HOW YOU DEAL
WITH IT THAT MATTERS!




**Birkirkara** T: (+356) 2149 6235 | **Gżira** T: (+356) 2134 5123 | **Mellieħa** T: (+356) 2152 3672
**Mosta** T: (+356) 2713 5297 | **Paola** T: (+356) 2166 2815 | **Rabat** T: (+356) 2145 5523 | **Sliema** T: (+356) 2134 2211
**Qormi** T: (+356) 2148 7118 | **Mrieħel** T: (+356) 2778 8277 | **Valletta** T: (+356) 2123 2666

GASANMAMO INSURANCE LIMITED IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT AND REGULATED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM

**Is-Surmast Joseph Sammut 1970 – 2007**

Jekk is-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette' dejjem kienet kburija bl-aqwa surmastrijiet li kellha matul is-snin sbieħ ta' ġrajjietha, dan ukoll tista' tkompli ssaħħu fi żminijietna. Sa ftit taż-żmien ilu, is-Soċjetà kellha l-unur li tikseb is-servizz tas-Surmast Joseph Sammut. Sammut li dam jidderieġi l-banda għal 37 sena sħaħ. Fost il-ħatriet prestiġjui tiegħu, irridu nsemmu li f'età hekk żagħżugħa kien Surmast Direttur tal-Orkestra tal-Ammiral, żmien wara ġie inkarigat sabiex jifforma l-Orkestra tal-British Council. Fl-1968 inħatar Surmast Direttur tal-Orkestra tat-Teatru Manoel. Is-Surmast Sammut, apparti li dderieġa għadd kbir ta' xogħlijiet mużikali kbar kemm f'Malta kif ukoll barra minn pajjiżu, ikkompona 'l fuq minn 100 xogħol li jinkludi sinfoniji, kunċerti għall-pjanu, siltiet korali, marċi brijużi u dawk funebri. Hu kkompona wkoll ir-Requiem iddedikata lill-eks President tas-Soċjetà 'La Valette' u eks Prim Ministru ta' Malta, Dr Giorgio Borg Olivier. Dan l-aħħar il-kumitat għamel żjara ta' kortesija lis-Surmast Sammut fir-residenza tal-mistrieħ li jgħammar fiha.

Fl-ordni tas-suċċessi miksuba, aħna llum irridu nemmnu min konna. Is-suċċess l-ewwel jibda bi pjanijiet sodi kif il-fundaturi waqqfu din il-glorjuża banda fejn mal-medda taż-żmien is-Soċjetà 'La Valette' setgħet tikseb kull unur possibbli fil-qasam mużikali. Soċjetà kburija li qatt ma ċaħdet isimha sa mit-twaqqif tagħha. Kburija li serviet ta' ambaxxatriċi denja ta' pajjiżha kull fejn żaret. Fuq kollox, kburija li dejjem kienet impenjata fil-qasam soċjali u dak kulturali. llum li ninsabu fuq l-għatba t'għeluq il-150 anniversarju tal-ħajja glorjuża tas-Soċjetà 'La Valette', ninsabu ferm grati lejn din is-Soċjetà mżejna bl-ogħla ġieħ u unuri kif ukoll kburin b'dak kollu li ta' qabilna għaddew lilna.

"HEKK SEMMEWK SABIEX TIBQA', BL-ISEM NOBBLI LA VALETTE".



*Mro. Joseph Sammut jidderieġi l-Banda La Valette waqt il-Kunċert La Sollevazione di Cristo*


Get together.
SINCE 1929
CISK
SINCE 1929
CISK
drinkawaremalta.com
for the facts

# Iċ-Ċelebrazzjonijiet tal-95 Anniversarju mir-Rebħa ta' Como

*Glen Attard Kaxxier - Società Filarmonica Nazionale La Valette*

Matul dawn l-aħħar xhur, il-Kumitat tad-Direzzjoni tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette ħadem sabiex ifakkar b'mod xieraq il-95 anniversarju mir-rebħa tal-banda La Valette fil-Konkors Bandistiku Internazzjonali f'Como, l-Italja. Dan sar bi programm ċelebrattiv mifrux fuq madwar 95 jum li laħaq il-qofol tiegħu bil-kunċert operistiku 'Magia di Operette'.

Il-ħsieb li jsiru dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kien imħabbar lis-soċi waqt il-laqgħa ġenerali f'Ġunju li għadda meta anki kien ġie żvelat il-logo ċelebrattiv iddisinjat mill-membru tal-kumitat is-Sur Alan Xerri.

Iċ-ċelebrazzjonijiet bdew b'marċ brijjuż nhar is-Sibt filgħodu 27 t'Awwissu minn ħdejn il-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu sal-każin, mill-banda tas-Società li allegrat lill-partitarji u s-soċi b'uħud mill-aqwa marċi brijjużi li s-Società La Valette hija magħrufa għalihom.

Il-Kummissjoni tar-Relazzjonijiet Pubbliċi ppreparat programm ta' trażmissjonijiet virtwali fuq Facebook mifrux fuq erbat ijiem b'informazzjoni interessanti marbuta ma' dan il-konkors bandistiku, fosthom dokumentarju dwar ir-rebħa ta' Como u bijografija ta' Mro Cardenio Botti.

L-attivitajiet komplew is-Sibt ta' wara, 3 ta' Settembru, bi żjara mill-membri tal-Kumitat u xi bandisti lill-Ex-Surmast Direttur Mro Joseph




*Marċ Brijjuż biex jiċċelebra l-95 anniversarju mir-rebħa ta' Como*

# BONACI CATERERS

*by Shawn Bonaci*

Bonaci Caterers & Administration Office

L-Arka Ta' Noe, Triq Bur ix-Xewk, Siggiewi, Malta

bonacicaterersmalta@gmail.com

+356 7944 1410 / 9985 8430

Bonaci Caterers Malta



*Żjara lill-ex-Surmast Direttur Mro Joseph Sammut*

Sammut. Kienet mawra li qanqlet nostalġija ħelwa taż-żminijiet li fihom Mro Sammut kien imexxi l-banda La Valette. Stajna ninnotaw li, avolja l-età sabiħa ta' 96 sena, is-Surmast irrakkonta b'imħabba uħud mill-esperjenzi li għex matul is-37 sena li dam jidderieġi l-banda La Valette, fosthom il-kunċerti annwali li kienu u għadhom isiru biex jitfakkar is-suċċess tal-banda f'Como.

Matul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru ġiet organizzata kompetizzjoni tal-isnooker bla ħlas għal membri tas-Società li għaliha kien hemm numru sabiħ ta' parteċipanti li ħadu sehem. Wara l-finali li saret nhar it-12 ta' Novembru, ġew ippreżentati t-trofej lir-rebbieħa u lill-uffiċjali li kkontrollaw il-logħob matul din il-kompetizzjoni.

Is-Sibt 8 ta'Ottubru saret l-inizjattiva fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fi Gwardamangia bit-tema 'Salva Ħajja, Agħti d-Demm'. Ta' min ifaħħar u jirringrazzja lis-soċi li laqgħu din is-sejħa u taw d-demm. Nissuġġerixxi li




*Membri tas-Società li ħadu sehem fl-attività 'Salva Ħajja, Agħti d-Demm'*

Thirty Three STEPS

185 / 186, Sta Lucia Street, Valletta

Open 12.00 pm till 12.00 am

Tel: 27900244
Facebook & Instagram: 33 steps

attività bħal din issir appuntament annwali fil-kalendarju tas-Società.

Nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru ittellgħet serata kommemorattiva fis-sala prinċipali 'Ramiro Barbaro' bis-sehem ta' La Valette Ensemble taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast Mro James Chappell. Waqt din is-serata żżanżnet pittura oħra xogħol il-pittur Kurt Friggieri li għandha titwaħħal mas-saqaf tat-taraġ prinċipali fil-ġimgħat li ġejjin biex titgawda minn kull minn jattendi l-każin.

Kif semmejt fil-bidu, il-qofol ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jintlaħaq bil-kunċert fl-Istitut Kattoliku tad-19 ta' Novembru. Kien kunċert impenjattiv kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll dak organizzattiv. Kunċert ta' dan il-kobor iġib miegħu spejjeż kbar. Huwa fid-dmir tiegħi bħala kaxxier ta' din is-Società li nirringrazzja li kull min ta l-għajnuna tiegħu sabiex ikun jista jiġi organizzat dan il-kunċert speċjalment lil dawk il-kumpaniji privati u l-entitajiet governattivi li għoġobhom jirriklamaw f'dan il-ktieb. Ringrazzjament ikbar imur lil dawk l-individwi tal-ħin voluntarju tagħhom biex seta' jiġi organizzat kunċert ta' din il-kwalità li għandu jkompli jżid mas-suċċessi tas-Societa Filarmonica Nazionale La Valette.





*Tintwera l-pittura xogħol il-pittur Kurt Friggieri li se titwaħħal mas-saqaf tat-taraġ prinċipali tal-Każin*




# J. CURMI INTERIORS

*(JOSEPH CURMI)*

Mob: 77466425 EMAIL curmijoeinteriors@hotmail.com

Facebook: JOSEPH CURMI

*For all kind of GYPSUM and INTERIOR works*

*Free quotations and tenderers are welcome*

ELEVATION .MT

Passenger Lifts | Goods/Car Lifts | Dumbwaiter Lifts

WE ARE HERE FOR ALL
**YOUR LIFTS NEEDS**



27413490 www.elevation.mt info@elevation.mt

# IT'S NEVER TOO LATE FOR A BIT OF JOY

NEW




Coca-Cola®

**ZERO SUGAR**
**ZERO CAFFEINE**



Centenario Voltiano

Programmi Musicali

che la

Filarmonica Nazionale

"LA VALETTE"

di Malta

eseguira' a

COMO = MILANO = ROMA

dal 26 al 31 Agosto 1927

in occasione

della sua partecipazione al

CONCORSO MUSICALE INTERNAZIONALE

indetto a COMO per il

Centenario Voltiano.

Tutti i Programmi saranno aperti e chiusi con Inni Nazionali: Marcia Reale, God Save the King, Giovinezza, La Valette.


CARBONARO CERAMICHE
K.Darmanin Street Pieta
mob: 7973-0615

# Intervista ma' Mro Paul Arnaud dwar it-Trijonf ta' Como

*Qegħdin inġibu din l-intervista li għamel il-Kan. John Ciarlò lil Mro. Paul Arnaud li sebgħin sena ilu kien wieħed mill-bandisti li marru Como. F'din l-intervista Mro. Paul Arnaud jagħtina t-tifkiriet tiegħu ta' din il-ġrajja glorjuża fl-istorja tas-Società Filarmonica tagħna kif għexha u ħa sehem fiha hu stess.*

**IT-TIFKIRIET TA' MRO. PAUL ARNAUD FIT-TRIJONF TA' COMO**

**Qabel xejn nixtieq minn qalbi nifraħlek għax-xorti li int l-uniku bandist minn dawk kollha li ħadu sehem fil-Konkors Internazzjonali ta' Como li għadek ħaj. Kif kontu ħadtuha l-aħbar dakinhar li "La Valette" kienet sejra Como biex tieħu sehem lil-Konkors Internazzjonali?**

Nista' ngħid li l-bandisti kollha, inkluż jien li dak iż-żmien kien għad kelli biss sittax-il sena, laqgħu bil-ferħ din l-aħbar sabiħa għalkemm mill-ewwel kulħadd kien fehem sew ir-responsabbiltà kbira li konna se nidħlu għaliha li nieħdu sehem flimkien ma' baned oħra rivali f'dan il-Konkors ta' prestiġju. Barra minn hekk, ħadna gost ukoll li kien se jkollna l-okkażjoni li nsiefru u naraw tant pajjiżi oħra.

**Xi preparazzjoni għamiltu qabel ma sifirtu?**

Wara li saru l-arrangament meħtieġa biex jintgħażlu l-bandisti li kellhom jitilgħu Como, is-Surmast Botti ffissa l-ġranet tal-provi. L-ewwel beda b'sett ta' provi parzjali, jiġifieri darba bl-istrumenti tar-ramm u darba oħra bl-istrumenti tal-injam u l-qasba. Wara mbagħad beda bil-provi ġenerali bil-banda sħiħa.

**X'laqtek l-aktar f'dawn l-aħħar provi li għamiltu qabel ma sifirtu?**

Qabel xejn is-serjetà u l-ħeġġa tas-Surmast Botti biex jippreparana sew għal dan il-Konkors Internazzjonali. L-istess nista' ngħid għal sħabi l-bandisti li ħadu b'serjetà kbira din il-parteċipazzjoni tal-banda tagħna f'dan



*Mro Paul Arnaud*

il-Konkors. Niftakar ukoll li fl-aħħar ġimgħa tal-provi, kienu ġew mistiedna jattendu għall-provi diversi surmastrijiet distinti biex jisimgħu l-banda. Niftakar fost l-oħrajn lis-Surmast Carlo Diacono, li Profs Fiammingo u lis-Surmast Ciappara. Dawn kollha kellhom kliem ta' tifħir għall-kwalità tal-ħoss orkestrali li kellha l-banda, oltre li l-esekuzzjonijiet tal-mużika kienu mill-aħjar.

**Tista' tgħidli min kienu l-membri tal-Kumitat li telgħu mal-banda?**

Is-Segretarju Giovanni Caruana, bniedem li kien tant qrib is-Surmast Botti u li kien dejjem jorganizza u jieħu ħsieb dak kollu li kien meħtieġ għall-banda u l-bandisti. Il-Kaxxier is-Sur Pawl Spiteri li kien bis-saħħa tal-għajnuna finanzjarja tiegħu li stajna nitilgħu Como. Is-Sur Viċenz Farrugia u s-Sur Carm Farrugia, it-tnejn membri




Your travel money will go further with zero commission and thanks to our free buy back guarantee, upon your return you can exchange any unused currency notes at the original exchange rate within 30 days from date of purchase. Don't forget to give us your Fly Pass number to get your Air Malta KMiles.

FEXSERV
THE MONEY PEOPLE

2576 2576 www.fexserv.com

San Gwann | Valletta | St. Julian's
Fgura | Mosta | Bugibba | Gozo



*Il-Banda La Valette f'Ruma*

attivi ħafna, u s-Sur Ġużè Attard u s-Surmast Bellizzi.

**X'tiftakar dwar it tluq tal-Banda minn Malta?**

Tlaqna minn Malta bil-vapur fit-23 ta' Awwissu u l-għada wasalna Sirakuża minn fejn qbadna t-tren. Fi triqtna lejn Como, niftakar li għamilna waqfa qasira Napli fejn iltqajna mal-Professur Zinzi. "La Valette" dak iż-żmien kienet iġġib l-istrumenti mingħandu. Peress li l-istrument tiegħi, il-Kwartin in La, kien daqsxejn stunat, talbuh biex itini strument ieħor. Iżda billi ma kellux għall-bejgħ, qabad u silifni l-istrument tiegħu stess għax hu kien professur ta' dan l-istrument. Tista' taħseb kemm ħassejtni kuntent u kburi bl-istrument ta' dan il-professur famuż!

Minn Napli mbagħad komplejna l-vjaġġ tagħna dritt lejn Como fejn wasalna fis-26 ta' Awwissu filgħodu. Hemm ġejna alloġġjati fil-lukanda u filgħaxija s-Surmast ġabarna għall-kunċert. Wara l-kunċert kilna u wara kellna ftit ħin liberu.

**Naturalment l-għada beda l-Konkors.**

Iva, l-għada s-27 ta' Awwissu, kellna nattendu għall-ewwel eżami tal-mużika li jgħidulu ta' l'Appronto jew lettura a prima vista. Dan l-eżami sar fil-magħluq fit-Teatro Sociale u għalhekk ħadd ma seta' jattendi. Hekk kif is-Surmast tela' fuq il-kaxxa, tana 4 jew 5 minuti żmien biex naraw il-mużika u kif għolla jdejh, bdejna ndoqqu l-biċċa mużika li ġiet assenjata lilna biex indoqquha fil-pront. Il-mużika li tawna ndoqqu kienet "Sul Golfo di Napoli". Naturalment il-membri tal-ġurija kienu fuq palk għalihom jisimgħu. Kif spiċċajna, is-Surmast Botti daħqilna u wriena ċar li kien sodisfatt ħafna bl-esekuzzjoni tagħna.

Waranofsinhar kellna t-tieni eżami fl-istess teatru li din id-darba kien mimli bin-nies. Din id-darba daqqejna biċċa mużika li tawna l-ġurija li kienet ir-"Ridda Infernale", u biċċa mużika magħmula minna li kienet il-Preludju tal-"Maestri Cantori" ta' Wagner. Il-pubbliku laqa' l-esekuzzjoni tagħna b'applawsi kbar u anke s-Surmast Botti deher ferm sodisfatt bina.

•VALLETTA•

# LUCIANO

RESTAURANT · CETTINA CAFÉ · LOUNGE BAR

BOUTIQUE ACCOMMODATION

21, 22 MERCHANT STREET,
VALLETTA
TEL: 21236212

**L-għada, it-tieni jum tal-Konkors, x'kellkom?**
L-għada filgħodu kellna l-aħħar eżami dak li jgħidulu tal-Unur fl-istess teatru li kien mimli bin-nies. F'dan l-eżami esegwejna l-mużika "Marcia Funebre" tal-opra "Il Crepuscolo degli dei" ta' Wagner. Hekk kif spiċċajna din il-mużika, it-teatru sploda bl-applawsi tal-pubbliku numerużi. M'hemmx bżonn ngħidlek kemm deher kuntent u sodisfatt is-Surmast Botti għal din l-esekuzzjoni tagħna.

Waranofsinhar imbagħad għamilna programm mużikali f'Villa Olmo fejn kienet qiegħda ssir wirja kbira. Għal dan il-programm attendiet folla numeruża li ġiet mill-Iżvizzera.

**Ir-riżultat tal-Konkors Internazzjonalu meta sar magħruf?**
Dakinhar stess, fit-28 ta' Awwissu fid-9.00 p.m., sar Kunċert Finali fl-istadium ta' Como li kien miksi bin-nies. F'dan il-Kunċert ħadu sehem il-baned kollha li daħlu għall-Konkors. Aħna daqqejna parti mill-"Quinta Sinfonia" ta' Beethoven.

Kif spiċċa l-Kunċert, inqara r-riżultat mill-Comitato Voltiano bir-riżultat tal-kategoriji kollha ta' dan il-konkors bandistiku. Tista' tahseb kemm qbiżna bil-ferħ u kemm fraħna meta semma t-trijonf li gamilna fil-kategoriji kollha ta' dan il-Konkors, u bil-medalja tad-deheb, premju uniku tad-direzzjoni li ingħatat lis-Surmast Botti. Dik il-lejla bqajna mqajmin niffesteġjaw, allavolja l-għada kellna iqumu kmieni biex nitilqu minn Como għal Milan.

**X'kien il-programm tagħkom ġewwa Milan?**
Kif wasalna Milan, ġejna milqugħa fis-sede tal-Comune, u wara flimkien mal-kumitat tagħna, ħaduna nduru diversi postijiet fosthom il-magħruf teatru ta' La Scala. Filgħaxija stess kellna nagħmlu programm fi "Piazza della Scala" fid-9.00 p.m. Għal dan il-programm attendew mal-għoxrin elf ruħ. Preżenti kien hemm ħafna artisti, mużiċisti u surmastrijiet fosthom is-Surmasi Vitaliti li għamel żmien Surmast ta' "La Valette". Fl-intervall dan ġie ħdejn il-palk tal-banda u feraħ lill-bandisti kollha li kien jafhom


IL VERDETTO
del Concorso di Como proclamato allo Stadium la sera del 28 Agosto 1927

CATEGORIA SUPERIORE ECCELLENZA

LETTURA A PRIMA VISTA.—"Primo premio" non assegnato; "secondo premio" Filarmonica "La Valette", medaglia d'oro; "terzo premio" Banda King's Own, medaglia vermeil.

ESECUZIONE.—"Primo premio" Filarmonica "La Valette", coppa d'argento; "secondo premio" Banda King's Own, medaglia vermeil grande.

CONCORSO D'ONORE.—"Primo premio" (pari merito) alla Filarmonica "La Valette" ed alla Banda King's Own, Lire ottomila ciascuna.

PREMIO DI DIREZIONE.—Grande medaglia d'oro, al maestro Cav. Cardenio Botti della Filarmonica "La Valette". In base all'art. 26 del regolamento.

LA GIURIA
Maestri: SEPPILLI, PENNACCHIO, AMADEI, CAPPELLETTI, ABBADO.

*Il-verdett tal-Konkors*

sewwa, għas-suċċess tagħhom fil-Konkors. Lili kien baqa' jafni ħafna għax spiss kien jeħodni ndoqq fil-baned li kien jidderieġi barra dik tagħna.

Dan il-programm kien tassew suċċess u ġejna applawditi minn dawk l-eluf kollha ta' nies ħafna minnhom ta' kultura mużikali kbira.

**U wara Milan, fejn mortu?**
Wara li tlaqna minn Milan, wasalna Ruma l-għada t-30 ta' Awwissu fit-3.00p.m. Hekk kif wasalna, ħaduna nżuru diversi postijiet ta' importanza fosthom il-Monument tal-Milite Ignoto fejn poġġejna kuruna. Billi aħna l-bandisti konna lkoll lebsin bl-uniformi bajda, konna niġbdu l-attenzjoni ta' kulħadd. Qabel tlaqna, is-Surmast Botti sejħilna biex insellmu lill-Monument bit-tislima "alla Romana". Wara morna wkoll inżuru l-Pantheon fejn poġġejna wkoll il-fjuri fuq il-qbura tar-renjanti Taljani.

Okkażjoni sabiħa kienet iż-żjara li għamilna fil-Campidoglio fejn ġejna onorati b'riċeviment mis-Segretarju Ġenerali tal-Governatorjat ta' Ruma li dendel midalja kbira bl-arma ta' Ruma, mal-istandard tal-banda, dak tal-midalji. Lil kull wieħed minna ġiet mogħtija wkoll midalja li lkoll ilbiesniha dak il-ħin stess.

L-għada filgħodu, 31 ta' Awwissu, morna fit-teatru l'Augusteo fejn għamilna prova għall-

# Food Intolerance Test

**Bloating? Stomach pain?
Weight control problems?
Headaches?**



Health & Beauty by Brown's offers a Food intolerance test that **cover 57 of the most common food intolerances** with just one drop of blood using a simple finger prick test.

Learn more about this test by visiting any Brown's outlet or sending an email to customercare@brownspharmacy.eu

Health & Beauty by brown's

/BrownsPharma | www.brownspharmacy.eu

programm mużikali li konna se nesegwixxu dakinhar filgħaxija fil-Pincio. F'din l-okkażjoni kellna x-xorti naraw lill-kompożitur Pietro Mascagni jidderieġi l-orkestra tiegħu waqt prova għall-kunċert li kellu jesegwixxi dakinhar stess. Kif spiċċaw il-provi, Mascagni kellu diskursata sħiħa mas-Surmast Botti li qallu bis-suċċess tagħna f'Como u dan ġie jifirħilna. Il-programm li għamilna fil-Pincio kien suċċess ieħor kbir għalina.

**Tista' tgħidili xi ħaġa dwar l-udjenza li kellkom mal-Papa kemm domtu Ruma?**

Iva, okkażjoni unika għalina kienet ukoll iż-żjara li għamilna lill-Papa filgħodu tal-1 ta' Settembru. Hekk kif wasalna l-Vatikan, ħaduna quddiem il-bażilika ta' San Pietru fejn ħadna ritratt flimkien mal-Kumitat u l-ħbieb li ġew magħna li għadna nistgħu narawh imdendel fil-każin. Daħħluna fis-Sala tal-Papa u hekk kif tfaċċa quddiemna, ilkoll inżilna għarkupptejna u l-Papa berikna lkoll. Kif il-Papa wasal quddiem is-Surmast Botti, dan qam dritt dritt u qagħadu jitkellmu għal ftit. Is-Surmast Botti qagħad itih informazzjoni dwar is-Soċjetà "La Valette". Dakinhar stess filgħaxija, kellna laqgħa u ikla mas-surmast Alessandro Vessella li kien organizza l-organiku tal-banda "La Valette. Kienet xena tassew sabiha dakinhar tara lis-Surmast Botti u lis-Surmast Vessella jgħannqu u jifirħu b'xulxin. Wara, dan l-istess Vessella li kien jaf sew lil ħafna mill-bandisti, tgħidx kemm ferah bihom. Wara saru ħafna diskorsi sbieħ fost l-għajjat ta' Evviva Maestro Vessella.

**Meta tlaqtu minn Ruma?**

Ħallejna Ruma bil-ferrovija dakinhar stess għal xi 7.30 p.m. Minn Sirakuża qbadna l-vapur u wasalna Malta l-għada filgħodu fit-3 ta' Settembru. Kif wasalna sibna folla kbira tal-partitarji u ammiraturi jilqgħuna b'għajjat ta' ferħ u ta' "Viva La Valette". Mid-dwana wassluna sal-każin fejn ġejna milqugħin b'entużjażmu kbir mis-soċji. Ma setax jonqos li s-Surmast Botti ma jagħmilx diskors li fih irringrazzja lil kulhadd għas-suċċess kbir li l-banda "La Valette" kienet kisbet.

*Din l-intervista dehret fil-fuljett "La Valette - Soċjetà Filarmonika Nazzjonali Ottubru 1997 - No. 17" p. 11.*



*Il-bandisti tal-Banda La Valette quddiem il-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan*












Palazzo Preca offers a broad range of Maltese & Mediterranean food our specials board offering mouth watering cuts, while the desserts are also Home-made.

**PALAZZO PRECA RESTAURANT**
54, Strait Street, Valletta, Malta
Tel: (+356) 2122 6777 Mob: (+356) 9986 6640 / 9984 6866
Email: info@palazzoprecarestaurant.eu

**palazzoprecavalletta.com**

Scan the QR Code to view our Booking Times

# Il-ħajja ta' Cardenio Botti

*Taħrif miġbur minn Gudio Poeta fil-ktieb Cardenio Botti. Musicista senza compromessi*



Maestro Cardenio Botti twieled f'Magliano Sabina fl-14 ta' Diċembru 1890. Missieru Giuseppe kien bennej u ommu Maria Marconi kienet mara tad-dar. Kien hi li tatu l-passjoni tal-mużika. Kienet ommu li għażlet l-isem Cardenio, dan l-isema kien intuża minn Miguel Cervantes fid-Don Kixott u wara użah William Shakespeare fil-kummiedja Double Falsehood li hija bbażata fuq l-istorja ta' Cardenio fl-ewwel parti tar-rumanz.

Flimkien ma' ommu kien is-Surmast Augusto Bannini, Ruman, id-direttur tal-banda lokali li bdielu l-edukazzjoni mużikali wara li skopra t-talent tiegħu waqt ċerimonja reliġjuża fil-Katidral ta' Magliano Sabina. Hawnhekk meta kien ikanta Cardenio, kulħadd kien joqgħod jisimgħu.

Dik il-vuċi fetħitlu l-karriera tiegħu għall-Cappella Sistina fil-Vatikan bħala Sopran. Fl-ischola cantorum kien apprezzat ħafna minn Don Lorenzo Perosi li għallmu l-armonija. Cardenio kien mlaqqam il-"professur". Fiż-żogħżija tiegħu kien jitgħallem fil-Liceo muikali P. Mascagni f'Ruma fejn is-Surmast Fattorini bdielu l-istudju tal-vjolin li pprefezzjoni permezz ta' Mro Riccardo Tagliacozzo.

Fil-konservatorju mużikali Santa Cecilia f'Ruma kien alljiev ta' Vessella fl-istrumentalizzazzjoni tal-banda u Dobici fil-kompożizzjoni. Malli ħareġ mill-koservatorju tista' tgħid li s-suċċess daħaklu mill-ewwel hekk kif Il Piccolo Giornale d'Italia ddedika paġna sħiħa bir-ritratti meta fil-knisja l-ġdida tal-Filippini f'Corso Vittorio Emanuele f'Ruma mexxa l-Messa da Requiem ta' Giuseppe Verdi. Ma naqsux it-tifħir u l-eloġi mill-pubbliku kif ukoll mill-mużiċisti.
Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija, minkejja li kellu d-dispensa, Cardenio Botti ried jipparteċipa bħala volontarju fejn ingħata l'Economio Solenne tal-valur militari.

Ta' 23 sena rebaħ il-konkors tad-direzzjoni tal-Banda Militari tal-35 reġiment tal-Fanteria ta' Bologna u minħabba li kien l-iżgħar surmast tal-Italja, sar famuż. Huwa kellu wkoll l-opportunità li jiltaqa' mar-Re Vittorio Emanuele III. Propju f'Bologna kiteb l-opera lirika b'att wieħed Zingaressa, li ġie mtella' f'Fano, Pesaro, Ruma, Malta u fis-snin sittin fl-iskola primarja ta' Magliano Sabina.

Fuq rakkomandazzjoni ta' Mro Vessella, Cardenio Botti sar Sumast tal-Banda La Valette fis-27 ta' April 1923 fejn dam imexxiha għal aktar minn 22 sena sħaħ bl-akbar abbiltà, għaqal



*Cardenio Botti flimkien mal-Banda La Valette*


Royalty
Bedding & More
www.royaltybedding.com
Zone 5, Triq il-kummerċ
Central Business District
Qormi
+356 2144 9253
info@royaltybedding.com



*Cardenio Botti ma' uħud mill-artisti*



*Cardenio Botti ma' xi ħbieb tiegħu*

# San Paolo Naufrago

## WINE BAR

**11, Triq Sta. Lucia, Valletta**
**Tel: 2701 3353 - Mob: 9951 1854**
**e-mail: kcarabott78@gmail.com**



u dixxiplina u wassalha biex tikseb tant suċċessi u rebħiet fosthom f'Como, Tuneż, Palermo u Messina, Catania u Bona. F'Malta huwa żżewweġ lil Anna Bartolo fis-26 ta' Novembru 1924. Ma kellhomx tfal u sseparaw fis-snin 50.

Minħabba li kien Taljan u kien appoġġa l-moviment għall-ħelsien ta' Malta mill-Ingliżi f'Settembru tal-1935 ħalla lil Malta.

Huwa rritorna l-Italja fejn fi Frar tal-1936 sar Direttur u Supretendent tal-entità tat-Teatru Massimo ta' Palermo fejn dam għal ħames snin u nofs. Hawn huwa kkompona 58 opra u 3 balli. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, Cardenio ġġieled l-Afrika mal-militar Taljan u kien kaptan gwida fiċ-Ċentru Militari G ta' Soriano Del Cimino (Viterbo). Hekk kif spiċċat il-gwerra minħabba li kien favur il-politika faxxista kien imfittex mill-partiġjani u l-antifaxxisti imma ħarab u staħba għand il-kuġin Ferdinando Botti. Wara l-amnestija tal-Ministru Togliatti, reġa' sab il-libertà. Wara huwa kompla bħala direttur tal-orkestra imma ma damx minħabba motivi ekonomiċi. Minn hemm huwa beda bħal imprenditur teatrali fejn tatu l-opportunità biex idur id-dinja billi kien aġent tal-aqwa kantanti fosthom La Callas, Dal Monaco, Gigli, u Tebaldi. Dawn kien fost il-kantanti li ħadu sehem f'kunċerti li organizza fl-Irlanda, l-Ingilterra u l-Amerika.

Huwa rtira f'Ruma għal xi żmien u wara mar lura f'raħal twelidu f'Magliano Sabina. Huwa għamel dan meta sema li kellu neputi li ngħata l-isem tiegħu Cardenio fis-snin sebgħin. Kienu




*Il-lapida tal-qabar ta' Cardenio Botti fiċ-ċimiterju ta' Magliano Sabina*



*Il-kappella tal-familja Botti fejn Cardenio Botti flimkien ma' ommu u missieru huma midfunin f'Magliano Sabina*

f'dawn is-snin li f'Magliano marret iżżuru Anna, l-mara tiegħu.

Bħala sinjal ta' mħabba għal raħal twelidu, Cardenio kkollabora mal-iskola flimkien tad-direttur Corrado Candidi biex jikkompona l-innu tal-iskola, permezz tal-kompożizzjoni tal-innu u ttellgħet l-opera lirika Zingaressa. Huwa għex l-aħħar snin ta' ħajtu flimkien mal-proneputi Alessio u l-mara tiegħu Luigiana Rufini u t-tfal tagħhom.

Fis-27 ta' Ġunju 1973, Cardenio tah ħass ħażin u l-għada huwa mieta fid-dar tiegħu f'Colle Pineto assistit minn Luigiana, Alessio u l-infermier Emilio Ronca.

*Tagħrif mill-ktieb Cardenio Botti. Musicista senza compromessi, tal-awtur Guido Poeta, Edizioni Incontri, Magliano Sabina, ippubblikat fl-2010.*

discover

our

MY FIRST

newborn collection







mothercare

Sliema T. 2131 5122 | B'Kara T. 2149 4555 | Valletta T. 2123 6717 | Fgura T. 2180 5944 | Gozo T. 2156 0021

mothercare@camillerigroup.com www.mothercare.com.mt mothercaremalta

# Lil cbira u rebbieħa Banda
# "LA VALETTE"
# li fil Concors ta Como
# giet dichiarata liprem fost il Baned
# colla u lil cbir Surmast tahha CAV.
# CARDENIO BOTTI li hu biss gie decorat
# fost is- Surmastrijet colla f'jum il gloria.

Ifrah poplu, ifrah Malta
f'dan il jum bil bosta cbir
u lil icbar fost il baned
inseg glorij ta tifħir

Ghax gio Como fost il Baned
uahda chienet l'icbar nett
u bil ferh gio kalbna 'ntennu
li din chienet LA VALETTE

Ghad li din mix leuuel darba
ghal dil'Banda uisk gloriusa
ghax fil haija tahha colla
deijem chienet vittoriusa.

Deijem uahda, katt ma ghalket
katt ma biddlet lisem tahha
il ghedeuua ghalec mifnija
ghaliex katt ma lahku maħħa

Leuuel darba geuua Bona
din il Banda giet premiata
il ghedeuua bezghou jersku
ma dil cbira diplomata

Gio Palermo mil gdid resku
bl'unuri ħarget mimlija
mil Maltin sarula festi
li ma ijgu katt minsija.

fl'Algier l'ghadu baxxa rasu
umiliat xi ħagia rari
minnech ħarab, bezgha staħba
u mar trecchen fl'speciali

Din id-darba rasom saħnet
mighac resku bla prudenza
ghaliex ħasbu illi jistghou
jeħdu parti fl'Eccellenza.

Izda msiechen xbicca gralom
tfarcu, tchissru, strumblau
uicchom uaka bil mistħija
xħin rebbieħa lilec rau.

U li lgharef Surmast BOTTI
ħa l'premiu tad-direzioni
dal baħnana xfatta iggennu
kabtitom disperazioni

Hamsin sena dil giurnata
conna deijem nixtikugha
li bissod titcheilu mghana
biex xeukitcom tcun maktugha

Issa erħuna, tħarsux leina
ghax cas tghacom ma natux
morru sibu lil tamparcom
ghaliex mghana ma tilħkux

Cunu rgiel u xein la tistħu
rascom baxxu birrispett
u gio kalbcom mghana tennu
viva l'banda LA VALETTE.

Sliem ghalic Banda rebbieħa
nghaitu f'dakka ferħanin
int il ghaxka, int il cobor
int il gloria tal Maltin.

The RELIABLE PRESS, 36, Sda. S. Paolo, Valletta


GRANO
sandwich
St. Lucia Street, Valletta
21242718
/granovalletta
2022
Travellers' Choice
Tripadvisor


CHEERS
wine & more




10 YEAR WARRANTY

Finestral®
ENERGY EFFICIENT uPVC APERTURES

Contact us for a FREE on-site quotation.

**A** SUB 092B, Qasam Industrijali, San Gwann, SGN 3000
**T** 2146 3522 **M** 9942 3326
**E** sales@finestralmalta.com

**www.finestralmalta.com**

Authorised Manufacturers
and Installers

deceuninck

Logografix™
SIGNS

www.logografixsigns.com



IS-SUQ TAL-BELT
VALLETTA FOOD MARKET

#issuqtalbelt

arkadia
FOODSTORE






merkanti
PASSION FOR MALTESE FOOD

EST. 2016
BUS STOP
LOUNGE



### L'euuel Impressionijet li dehru fl'stampa taliana fuk iz-zeug Baned Maltin li hadu parti fil

# "CONCORS INTERNAZIONALI TAL MUZICA F'COMO."

## MEHUD MIL GIURNAL "IL CORRIERE DELLE PREALPI" 30 AUISSU 1927.

### LIEMA IMPRESSIONI GHAMLULNA IZ-ZEUG BANED TA MALTA?

**Barra** mil capacità tecnica ta cull bandist, ghandna nghaidu li daun iz-zeug **Baned** ureuna li huma imghallmin u diretti assolutamenti dif-ferenti uahda **mill'oħra.** Huma zeug ghakdiet artistici jeu zeug eruieħ li fl'arti muzicali, il uaħda ma tħosx dac li tħos l'oħra; anzi ir-ridu incunu actar ciari u nghaidu illi f'uaħda is-sensibilità artistica tad-Direttur Surmast Cav. C. Botti hia ciara bizzejied u li issarraf (evidente e prevalente) fil uakt li fl'oħra (K. O.) m'hiex ħlief perfetta quadratura bierda matematica, nieksa min dic il ħeggia (Slanci) u issentiment tal kalb (passionalita) li huma u ghandom icunu it-tizijn (doti) ta dac li fil uakt li ic-cuncerta u id-diriegi, m'ghandux jaħseb u jehda biss biex isamma il ħoss (accenti e ritmi) l'ghaliex mictubin mill'autur, izda ghandu ifittex li jifehm dac li irid ighaid l'autur dac collu li il musica tfisser, il passioni imħabbta (tormentata) tal compositur, trid insomma li il musica tcun espressioni ta hajja u m'hux simbolu tavegetazioni.

*(VEGETAZIONI TFISSER DIC IL HAGA LI THGAJX MINNA INFISA. F'DAN IL CAS TFISSER, DIC IL BANDA ILLI MINFLOC LI TFITTEX LI TISVILUPPA RUHHA U T'IPPROGREDIXXI SCONT L'ESIGENZI TAZ-ZMIENIJET FL'ARTI TAL MUZICA, TIBKA F'DAC LI TCUN BOSTA SNIN L'URA, IGIFIERI ANTICAGLIA)*

U l'esecuzionijet tal K. O. ureuna bic-car li m'humiex ħlief vegetazioni, anzi perfetta vegetazioni fl'intonazioni fil quadratura DEFICIENTI tant fl'i-njam chem ucol fir-ram; ghaldakstant m'hijex ħlief vegetazioni [anticaglia]

Li chienet ħaga possibili li nghamlu paragun bein iz-zeug baned, conna nghaidu li l'esecuzonijet tal King's Own, jistau icunu jixbħu lil dac il fiur cbir sabieħ izda minghajr culuri u ma tantx ifuħ u dauc tal Banda La Valette jixbħu lil par ghainej li isahhruc u li jisirku il klub..............

Infaccru illi Ir-Ridda ta l'Asrael dehret tasseu INFERNALI meta dakkita 'La Valette' biss; u is-sinfonija tal Maestri Cantori giet eseguita perfettament bhal ma chien il ħsieb tal compositur meta chitiba u biex tasal f'dina l'esecuzioni, irid icun frott ta studiu profond u fuk collox hila artistica (intuizione)

Biex nicconcludu, jidrilna li xhin il ueħed [mid-Diretturi] jista jisseiiah Capo di Banda tajjeb, l'iehor il Cav; Botti ghandu id-drit collu li icun mghadud fost IS-SURMASTRIJET. Dana chien alliev tal cbir Vessella u li eseguixxa il metodi tal Cbir capo scuola, u b'dana it-tghalim Gharaf jighallem u imexxi il banda tighau chif gie jimghallem hua stess ghal Organicu, trascrizioni u repertoriu.

.. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. .. ..

U b'daks hecc ghamel LAKUA FURUR u rebah L'ACBAR VITTORIA bil prova li tghana F'IDDIREZIONI li eseguixxa fil CONCORS, FL'ES POSIZIONI u fli STADIUM.

The "RELIABLE Press," 36, Sda. S. Paolo Valletta.




QUEEN VICTORIA
CITY PUB
SOUTH STREET VALLETTA

FOOD ⚜ ALES ⚜ BEERS
WINES & SPIRITS
COCKTAILS

SOUTH STREET VALLETTA

# Zzzing holiday homes are making 3x more

Discover if your property has short-let potential.
*Risk-free, hassle-free.*



# Let's talk.

## Schedule your one-to-one meeting

+365 99019687 - info@zzzing.com - www.zzzing.com

zZing

# Programm -

| | | |
|---|---|---|
| Fantasia | Magia di Operette | Giampaolo Nitiffi |
| Napoletana | Scugnizza | Mario Costa |
| Ingresso di Frou Frou | La Duchessa del Bal Tabarin | Leon Bard |
| Vorrei potergli il cor rubar | La Danza delle Libellule | Carlo Lombardo/ Franz Lehar |
| Canta un coro d'angioletti | La Principessa della Czarda | Emmerich Kalman |
| Overture | The Merry Widow | Franz Lehar |
| Romanza della Vilja | The Merry Widow | Franz Lehar |
| Tace il Labbro | The Merry Widow | Franz Lehar |
| Spesso a cuori e picche | Madama di Tebe | Carlo Lombardo |

**INTERVALL**

Preżentazzjoni: Mario Xuereb
Preżentazzjoni tal-Fjuri: Ella Demicoli, Paulette Galea,
Ylenia Meli, Zack Camilleri

# *Magia di Operette*

| | | |
|---|---|---|
| Overture | Die Fledermaus | Johann Strauss II |
| Tu che m'hai preso il cor | Il Paese del Sorriso | Franz Lehar |
| Mi pare un sogno, un'illusion | Al Cavallino Bianco | Ralph Benatzky/ Robert Stolz |
| Quando il giorno muor | Il Paese dei Campanelli | Carlo Lombardo |
| Veder Napoli e poi morir | Scugnizza | Mario Costa |
| Overture | Orpheus in the Underworld | Jacques Offenbach |
| L'Ultima Bambola | Cin ci Lá | Carlo Lombardo/ Virgilio Ranzato |
| La  Canzone della Margherita | Cin ci Lá | Carlo Lombardo/ Virgilio Ranzato |
| Oh Cin Ci Là | Cin ci Lá | Carlo Lombardo/ Virgilio Ranzato |
| Fox della Luna | Il Paese dei Campanelli | Carlo Lombardo |
| Siam De La Valette | | Mro. Cardenio Botti |
| Innu Malti | | Kliem: Dun Karm Psaila<br>Mużika: Mro. Robert Samut |




# Let's talk.

## Schedule your one-to-one meeting

+365 99019687 - info@zzzing.com - www.zzzing.com

# Andrea Bragiotto



Andrea Bragiotto huwa tenur professjonali u għalliem kwalifikat fil-kant liriku u modern. Huwa ggradwa fil-kant fis-sena 2001 fl-"Istituto Musicale Pareggiato O. Vecchi" ta' Modena u kompla bl-istudji avvanzati ma' A. Goussev u M. Malatesta Calabrò.

Beda l-karriera tiegħu fl-età żgħira ta' 13-il sena f'sensiela ta' kunċerti fit-Teatro Lirico u Pala Trussardi f'Milan. Fl-1990 kanta mal-orkestra "I Pomeriggi Musicali" flimkien mas-soprano famuża Montserrat Caballé u l-kantant tal-mużika leġġera Albano Carrisi fil-Kunċert tal-Milied fid-Duomo ta' Milan fi trażmissjoni mad-dinja kollha (mondovisione).

Is-sehem tiegħu fl-opri beda fil-"Pagliacci" ta' Ruggero Leoncavallo fit-Teatro del Vittoriale di Gardone Riviera, kif ukoll fil-"Gianni Schicchi" ta' Giacomo Puccini, fin-"Nozze di Figaro" ta' Mozart taħt is-surmast Dan Ettinger. Fis-sena 2005 kanta f'"La Traviata" ta' Giuseppe Verdi fit-Teatro Manzoni ta' Monza u fis-sena 2006 kien il-protagonista fil-premiere mondjali bħala l-poeta Virgilju fl-opra "Dante racconta l'Inferno", kompożizzjoni ta' Andrea Arnaboldi, u fis-sena 2010 kanta fil-prestiġġjuża St James Church f'Londra u fit-Teatru Manoel fil-Belt Valletta.

Andrea ddistingwa ruħu fil-Festival Lirico di Verrazzo fl-opri "Il Barbiere di Siviglia" ta' Gioacchino Rossini u fir-"Rigoletto" ta' Verdi. L-irwoli tiegħu jinkludu dawk ta' Lord Arturo Buklaw fil-"Lucia di Lammermoor" ta' Gaetano Donizetti; Peppe/Arlecchino fil-"Pagliacci" ta' Leoncavallo; Fenton u Bardolfo fil-"Falstaff" ta' Verdi; Ferrando fil-" Così fan tutte" u Don Basilio u Don Curzio fin-"Nozze di Figaro" ta' Mozart.

Għamel id-debutt fl-operetta "Il Paese del Sorriso" ta' Franz Lehar fis-sena 2013 flimkien mal-Orkestra Sinfonika ta' Lecco. Kabbar ir-repertorju operetteristiku bħala Camille de Rossillon fil-"Vedova Allegra", bħala Duca Carlo di Nancy fid-"Danza delle Libellule", bħala l-Prinċep Sou-Chong f'"Il Paese del Sorriso", ilkoll ta' Lehar, kif ukoll bħala Hans fl-operetta famuża "Il Paese dei Campanelli", il-Prinċep Ciclamino fiċ-"Cin ci La" ta' Virgilio Ranzato; bħala l-Prinċep Edvino Carlo f'"La Principessa della Czarda" ta' Emmerich Kalman, bħala Totò fi "Scugnizza" ta' Mario Costa, u bħala Mario Salviati f'"Addio Giovinezza" ta' Giuseppe Pietri.


City Crown
NOW OPEN
IN
VALLETTA
BEER . COCKTAILS . BEEF SALOON
OLD THEATRE STREET | 77930060



Andrea għandu repertorju ta' mużika sagra li jinkludi l-"Petite Messe Solennelle" ta' Rossini; "The Messiah" ta' Handel; "Missa Brevis" ta' Mozart, "Oratorio di Natale" ta' Bach; u għadd ta' recordings: "Giuseppe Verdi………le canzoni del suo tempo" għal Isea Arts; "Cinema, cinema, cinema"; l-ewwel edizzjoni mondjali ta' "Il Paria" ta' Donizetti għal Edizioni Bongiovanni, u "La vera storia dell'operetta europea".

Flimkien mas-soprano Barbara Fasol, jippromwovi l-proġett speċjali "Prosopera" bi bdil bejn siltiet operistiċi u proża. Huwa jaħdem ukoll ma' kantanti famużi, diretturi u surmastrijiet fosthom Renato Bruson, Salvo Sgrò, Alida Ferrarini, Orazio Mori, Dario Garegnani, Ruben Jais u ħafna oħrajn.

Andrea huwa d-direttur artistiku, kap tal-ipprogrammar u għalliem fl-iskola mużikali "NovaMusica" f'Buccinasco, fil-provinċja ta' Milan fil-Lombardija.

Assikura
INSURANCE BROKERS PCC LTD.

PROUD SPONSORS OF WOMEN'S FOOTBALL

Assikura WOMEN'S LEAGUE 2022-23
Assikura WOMEN'S KNOCKOUT 2022-23
Assikura WOMEN'S YOUTH LEAGUE 2022-23
Assikura WOMEN'S YOUTH KNOCKOUT 2022-23



Assikura Insurance Brokers PCC Limited (company registration No. C-28074) is authorised to carry out insurance intermediaries activities and is licensed and regulated by the Malta Financial Services Authority (MFSA) of Triq l-Imdina, Zone 1, Central Business District, Birkirkara, Malta, CBD 1010

# Barbara Fasol



Barbara Fasol hi sopran lirika, u għalliema ta' kant operistiku u modern fl-iskola NovaMusica f'Buccinasco, fil-provinċja ta' Milan.

Hi bdiet it-taħriġ vokali mas-soprani Angela Nascimbeni, Cecilia Albanese Nunez u Maria Malatesta Calabrò, u ggradwat fil-kant liriku fl-ISSM, Istituto Superiore Studi Musicali "Franco Vittadini" ta' Pavia.

Iddebuttat fis-sena 2003 fil-"Festival Lirico Varese Ligure" fl-opra "Le Nozze di Figaro" ta' Mozart mal-Orkestra Sinfonika Statali ta' Kharkov diretta minn Dan Ettinger. Interpretat il-parti ta' Serpina f'"La serva padrona" u Livietta f'"Livietta u Tracollo" ta' Pergolesi.

Rebħet premju miċ-"Circolo Alessandro Volta" ta' Milan bħala waħda mill-aħjar kantanti. Ħadet sehem f'diversi teatri tal-opra f'Bergamo, Turin, Milan, Lecco, Forlì, Pavia, kif ukoll fit-Teatru Manoel fil-Belt Valletta f'kunċerti ta' kanzunetti klassiċi Taljani u operetta popolari. Barbara kantat taħt is-surmastrijiet importanti fosthom Mro Aldo Salvagno, Stefano Seghedoni, Salvo Sgrò, Paolo Grosa, Debora Mori u oħrajn.

Interpretat rwoli prinċipali fl-opri "L'Elisir d'Amore", "Don Pasquale", "Il Barbiere di Siviglia","La Cenerentola", "L'Italiana in Algeri", "Don Giovanni", "Gianni Schicchi", "Suor Angelica", "Traviata", "Trovatore", "Rigoletto", "Norma", u fl-operetti "Il paese dei campanelli" u "La Vedova Allegra", kif ukoll f'ħafna kunċerti ddedikati lill-"Bel Canto".

Fis-sena 2018 kantat mal-Banda famuża tal-Carabinieri f'Ruma fil-kunċert taċ-ċelebrazzjonijiet għar-rebħa tal-Italja fl-1918 fl-Ewwel Gwerra Dinjija fi spettaklu speċjali mmexxi mid-direttur Giorgio Alberi.

Mis-sena 2019 ippromwoviet il-proġett PROSOPERA, bdil ta' mużika u proża bl-interpretazzjoni ta' siltiet operistiċi famużi,

jewel box




8, Merchants Street,
Valletta
Tel: 27042247



*Is-Sopran Barabara Fasol u t-Tenur Andrea Bragiotto*

kif ukoll djalogi, b'hekk jiżdied il-valur tal-apprezzament minn pubbliku inqas espert: "La traviata…trafiletto d'epoca"; "Il Barbiere di Siviglia – ma che cos'e' questo amore"; "Pane, Amore ed Elisir" ispirata mill-opra "L'Elisir d'Amore" ta' Gaetano Donizetti.

Barbara tieħu sehem f'bordijiet ta' għażla ta' kantanti fil-"Concorso Lirico Internazionale Citta' di Lissone", "Giovanni InCanto" u "Arturo Toscanini" f'Mantova.

SCREEN®

PROFESSIONAL HAIR CARE

117, St. John Street, Valletta
21239188 / 99876052 / 99297562

# Aaron's
-kitchen-

Our capital city delivers the right atmosphere and characteristics that combine well with the craft we have very much at heart, our food. Experience our food in the finest of service and atmosphere.







MICHELIN 2022

Aaron's -kitchen-

RECOMMENDED 2022 AARON'S KITCHEN RESTAURANT GURU

We look forward to hear from you.

+356 21 230 636
+356 99 230 636
info@aaronskitchenvalletta.com
107, Archbishop Street, Valletta

# Jacob Portelli



Jacob Portelli għandu diversi diplomi fid-daqq tal-arpa b'distinction kemm mill-Iskola tal-Mużika ta' Malta kif ukoll mill-Associated Board of the Royal Schools of Music.

Huwa daqq f'diversi ikliet statali u avvenimenti oħra taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta u l-Prim Ministru, kemm fil-Palazz tal-Verdala, fil-Palazz ta' Sant'Anton u l-Palazz tal-Gran Mastru.

Huwa kien mistieden biex idoqq lir-Reġina Eliżabetta II tal-Ingilterra waqt avveniment tal-Commonwealth f'Malborough House, Londra. Avvenimenti oħra jinkludu l-laqgħa taċ-CHOGM fl-2015, il-Laqgħa Arraiolos fl-2017 u diversi avvenimenti waqt il-President tal-Unjoni Ewropea fl-2017.

Huwa kkollabora ma' Fra Alessandro u The Priests. Ħa sehem ukoll fi produzzjonijiet bħall-Phantom of the Opera, Requiem ta' Faure u A Ceremony of Carols ta' Britten.

Jacob idoqq bi profiċjenza l-vjolin, il-vjola, iċ-cello u l-baxx. Huwa jdoqq ma' diversi mużiċisti oħra fosthom il-ProMuzika Ensemble, is-St James Consort u l-Orkestra Filarmonika ta' Malta.

Jacob huwa l-fundatur tal-Cordia String Quartet. flimkien huma daqqew f'diversi kunċerti lokalment u barra minn Malta fosthom il-Victoria International Arts Festival f'Għawdex, l-August Moon Ball, għall-Jum Nazzjonali tal-Awstrija, fi New Delhi u Calcutta taħt il-patroċinju tal-Ambaxxatur Malti għall-Indja u għar-Reġina Eliżabetta II bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Commonweatlh

Huwa wkoll membru tal-Valletta International Baroque Ensemble (VIBE) fil-Valletta International Baroque Festival), fejn idoqq l-arpa continuo u ċ-cello barokk.


Carmine's
Old Bakery Street, Valletta
Tel: 21239919
Mobile: 79819004


Old Bakery's Kitchen
South Street, Valletta
Tel: 21233983
Mobile: 79819004

# Mro Dominic Darmanin



Mro. Dominic Darmanin twieled il-Belt Valletta f'Mejju tal-1962. Beda l-istudji mużikali tiegħu fl-età ta' 9 snin fl-iskola tas-Sależjani St Patrick's f'Tas-Sliema u fl-iskola tal-mużika Johann Strauss. Tgħallem it-trumbun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anthony Zammit u aktar tard, taħt il-gwida ta' Mro. Paul Borg fejn akkwista tliet diplomi: ALCM, LLCM u FLCM. Studja l-armonija u l-kuntrapunt għand il-mibki Mro. Carmelo Pace u għand il-Profs. Charles Zammit fejn iggradwa bid-diploma A.Mus.LCM.

Ta' 15-il sena għamel l-ewwel dehra tiegħu bħala solista fuq it-trumbun fil-Casino Maltese. Fost l-esekuzzjonijiet mużikali tiegħu jissemma s-solo li esegwixxa fuq it-trumbun f'Novembru tal-1993 meta daqq il-kunċert għat-trumbun ta' Rimsky Korsakov mal-Banda La Valette.

Għallem f'diversi baned Maltin u Għawdxin sakemm fl-1993 inħatar Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan. Huwa waqqaf il-Pinto Brass Band kif ukoll inawgura l-ewwel sensiela ta' Kunċerti Sinfoniċi. Huwa wkoll il-fundatur tal-ewwel kwartett tat-trumbuni f'Malta bl-istem ta' The Four Tenors. Ħadem għal seba' snin bħala mużiċist mal-Orkestra tat-Teatru Manoel. Huwa membru mal-Versatile Brass u dik li kienet il-Freddie Mizzi Big band. Kompożitur ta' diversi marċi għall-banda kemm brijużi u kemm funebri. Kiteb ukoll sensiela ta' xogħlijiet klassiċi għall-banda.

Fl-1 ta' Jannar 2008 inħatar Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika Nazionale La Valette wara li għamel 29 sena bħala mużiċist tal-banda La Valette.

Għandu żewġ itfal u preżentament huwa għalliem tal-Mużika, tal-Edukazzjoni Fiżika u tal-Matematika fl-iskola tas-Salesjani St Patrick's.




Carlos INTIMO

Unisex underwear, Nightwear,
Swimwear & Accessories

179, St. Joseph High Street, Hamrun
Mobile: 9946 7410

Find Us on f

CASA LAPIRA
LIVING

239, St. Ursula Street, Valletta
info@casalapira.com | www.casalapira.com | +356 9944 6146

**Amaspharma Co. Ltd.**
**Lourdes Pharmacy & Opticians**

**1, Massabielle Street,**
**San Gwann SGN 9030**

**Tel: 2138 7479 - 2138 1226**
**Fax: 2137 2219**
**E.mail: amasco@maltanet.net**

# Eddie's

# Café Regina

